# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 3 ta' Diċembru 2024**

**Nru: 2**

**Rikors Nru. 901/2023**

**Nancy Cassar, Martin Cassar, u James Cassar u l-imsemmija Nancy Cassar u James Cassar qeghdin jidhru wkoll f'isem u bħala mandatarji speċjali f'isem l-imsiefra Helen Gerada Cassar**

**vs**

**Zenith Finance Limited**

**Fil-qosor**

1. Ir-rikorrenti fetħu din il-kawża fil-11 ta' Awwissu 2023, b'talba sabiex il-qorti tiddikjara li s-soċjetà konvenuta naqset mill-obbligi kuntrattwali, legali u professjonali tagħha fl-għoti ta' servizzi ta' investiment lil Nancy u Consiglio Cassar, u sabiex il-qorti tillikwida t-telf u danni li ġarrbu l-atturi b'riżultat tan-nuqqasijiet tas-soċjetà konvenuta.[1]

2. Imma din id-deċiżjoni ma tittrattax il-mertu tal-kawża. Tittratta minflok, jekk is-soċjetà konvenuta għandhiex titħalla tiddefendi lilha nnifisha minkejja li ppreżentat ir-risposta ġuramentata tagħha tliet (3) ijiem wara li skada t-terminu stabbilit fl-artikolu 158 tal-Kap. 12. F'każ li ma teżistix raġuni tajba għal dan id-dewmien, il-qorti tkun marbuta li tqis lis-soċjetà konvenuta kontumaċi, b'konsegwenza illi s-soċjetà konvenuta tkun prekluża milli tippreżenta difiża, tressaq provi u tikkontesta l-provi miġjuba kontriha. F'każ li s-soċjetà konvenuta tiġi ddikjarata kontumaċi, hija jkollha tibqa' siekta matul is-smiegħ tal-kawża –

[1] Ara r-rikors maħluf ta' Nancy, Martin u James Cassar u l-imsemmija Nancy u James Cassar għan-nom tal-assenti Helen Gerada Cassar, f'paġni 1-5.

ħlief għall-aħħar tal-kawża, meta tkun tista' tippreżenta nota' osservazzjonijiet skont l-artikolu 158(10) tal-Kap.12.

**Il-fatti li taw lok għad-dewmien**

3. Fis-26 ta' Marzu 2021, tħabbar mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta li s-soċjetà konvenuta m'hijiex f'pożizzjoni li tonora l-obbligi legali tagħha. Konsegwentement u minħabba allegat ksur gravi tar-reġim regolatorju applikabbli u akkużi kriminali kontra l-kumpanija u d-diretturi tagħha, il-liċenzja tas-soċjetà konvenuta ġiet sospiża sabiex jiġi likwidat in-negozju tagħha. Sussegwentement, il-Qorti tal-Maġistrati (Kriminali) (bħala qorti struttorja) ħatret lil Hector Spiteri, bħala l-amministratur tas-soċjetà konvenuta skont l-artikolu 35(11A) tal-Kap 621, sabiex jassigura li jiġu ppreservati l-assi u l-operat tas-soċjetà konvenuta li hija preżentement kolpita b'ordni ta' friża pendenti l-proċeduri kriminali kontriha.

4. Hector Spiteri rċieva r-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smigħ fid-19 ta' Diċembru 2023 fil-post tax-xogħol tiegħu.[2] Dan wara li biddel l-indirizz reġistrat tas-soċjetà konvenuta sabiex id-dokumentazzjoni indirizzata lis-soċjetà konvenuta tasal fl-indirizz postali tiegħu u mhux fl-indirizz tas-soċjetà konvenuta li huwa llum magħluq.[3] Hector Spiteri jgħid li fi żmien meta ġie nnotifikat, huwa kien għaddej minn żmien personali diffiċli minħabba mard u li nfatti kien dieħel u ħiereġ mill-isptar Sir Anthony Mamo għall-kimoterapija. Minħabba l-isfidi mediċi li kien qiegħed jiffaċċja, huwa ħaseb li rċieva taħrika mill-qorti biex jitla' jixhed fil-11 ta' Jannar 2024.[4]

5. Huwa jgħid li nduna bl-iżball tiegħu dakinhar tal-ewwel seduta, cioè fil-11 ta' Jannar 2024, hekk kif inzerta lill-Avukat Dr Mark Vassallo, li hu l-konsulent legali tal-azzjonisti tas-soċjetà konvenuta, fil-Qorti. Dan għarrfu li dak li kien irċieva ma kienet taħrika xejn, u li kien skada t-terminu ta' għoxrin ġurnata biex is-soċjetà konvenuta tkun tista' twieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti. Minkejja dan l-Avukat Vassallo qal li xorta waħda kien ser jipprova jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet, hekk kif fil-fatt għamel dakinhar stess.[5]

---

[2] Ara r-riferta f'paġna 7.
[3] Ara d-dokument rispettiv mir-Reġistratur tal-Kumpaniji f'paġna 16.
[4] Ara r-rikors tal-amministratur Hector Spiteri għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, tal-24 ta' Mejju 2024, f'paġni 26-28.
[5] Ara x-xhieda ta' Hector Spiteri fis-seduta tal-24 ta' April 2024, f'paġni 17-25, u r-risposta ġuramentata ta' Zenith Finance Limited f'paġni 9-12.

**Ir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà konvenuta**

6. Fir-rikors tiegħu biex jiġġustifika l-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta, l-amministratur jargumenta li r-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà konvenuta ma taqax fl-ambitu tal-poteri li huwa ġie ddelegat mill-Qorti tal-Maġistrati (Sede Kriminali) (bħala qorti struttorja). Huwa jgħid li r-raġuni li biddel l-indirizz tas-soċjetà konvenuta għall-indirizz postali tiegħu ma kinitx sabiex "jassumi responsabbiltà li l-Qorti ma ddelegatlux" iżda sabiex jassigura li d-dokumentazzjoni relatata mal-kariga tiegħu bħala amministratur tasal għandu.[6]

7. Dan l-argument ma jistax ireġi. L-ewwel nett bħala amministratur maħtur taħt l-artikolu 35(11A) tal-Kap. 621, u l-artikolu 848B tal-Kap. 12, huwa ġie mogħti poteri ġenerali biex jamministra l-azjenda kummerċjali, biex iwettaq "l-atti kollha ta' manniġġar u amministrazzjoni ordinarja" u biex jieħu l-"miżuri kollha meħtieġa għall-preservazzjoni tal-assi tal-azjenda kummerċjali." Dawn il-poteri impliċitament jinkludu l-poter biex jirrappreżenta l-kumpanija f'kawża miftuħa kontra tagħha – speċjalment meta d-deċiżjoni finali tista' twassal fit-tnaqqis tal-assi tal-kumpanija, liem assi l-amministratur ġie appuntat biex jippreserva.

8. Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi nnotat li l-amministratur tas-soċjetà konvenuta ppreżenta risposta ġuramentata għan-nom tagħha (li, kif issemma, kienet *fuori termine*). Apparti dan, huwa ppreżenta wkoll rikors biex jiġġustifika l-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta. Li kieku kien verament tal-fehma li kien żvestit mir-rappreżentanza ġuridika tas-soċjetà konvenuta, huwa la kien ikollu l-poter li jippreżenta t-tali atti ġuridiċi, u lanqas ma kien ikun tal-fehma li s-soċjetà konvenuta kienet fi stat ta' kontumaċja (ġaladarba n-notifika kien ikollha ssir lil ħaddieħor).

9. B'hekk il-qorti ser tiċħad din l-eċċezzjoni u sejra tqis li l-amministratur seta' jwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti għan-nom tas-soċjetà konvenuta.

---

[6] Ara r-rikors tal-amministratur Hector Spiteri għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, tal-24 ta' Mejju 2024, f'paġni 26-28.

**Jekk teżistix 'raġuni tajba' għall-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta**

10. L-amministratur tas-soċjetà konvenuta jgħid ukoll li n-nuqqas tiegħu ma kienx intenzjonat li jġib dispett lill-qorti u li għalhekk m'għandux jiġi ppenalizzat għall-għemil tiegħu. Huwa jgħid li ma kienx jaf li l-att ġudizzjarju kien fil-verità rikors ġuramentat u avviż ta' smiegħ u ħaseb li rċieva biss taħrika ta' xhud.[7] Huwa jiċċita sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn intqal li biex il-qorti timponi l-miżura punittiva tal-kontumaċja, hija trid tkun sodisfatta li jkun hemm culpa da parti l-persuna nnotifikata, u li ma jistax ikun hemm culpa meta ma jkunx hemm il-konoxxenza tan-notifika tal-att.[8]

11. Ir-rikorrenti, min-naħa l-oħra, jargumentaw li l-iskuża tal-amministratur m'hijiex verosimili u kredibbli. Dan għaliex ir-rikors ġuramentat jidher differenti minn taħrika ta' xhud, u Hector Spiteri m'huwiex xi persuna illitterata, u allura kellu jkun kapaċi jagħraf id-differenza bejn it-tnejn. Huma jgħidu li kieku verament Hector Spiteri ħaseb li din kienet biss taħrika, huwa ma kienx ser jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet qabel l-ewwel seduta. Huma jsostnu li lanqas li kieku x-xhieda tiegħu kellha tiġi emmnuta, ma ġiex ipprovat li kien hemm raġuni legalment jew ġudizzjarjament sostenibbli għall-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta.[9]

12. Il-qorti tqis li l-allegazzjonijiet tal-amministratur huma dubjużi. L-ewwel nett, Hector Spiteri ma tantx jista' jitqies li huwa xhud ta' min wieħed joqgħod fuqu meta lanqas seta' jiftakar affarijiet bażiljari – bħall-fatt li huwa ħa l-ġurament fuq ir-risposta tas-soċjetà konvenuta,[10] u li kien biddel l-indirizz uffiċjali tas-soċjetà konvenuta mar-Reġistratur tal-Kumpaniji.[11] B'mod partikolari huwa ftit dubjuż kif is-soċjetà konvenuta rnexxielha tippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet qabel l-ewwel seduta meta Hector Spiteri xehed li kien biss ftit qabel l-ewwel seduta li ltaqa' mal-avukat tal-azzjonisti tas-soċjetà konvenuta għall-ewwel darba (u għall-għarrieda), u għarrfu bid-dokumenti li kien irċieva. It-tieni nett għandu jiġi nnotat li l-amministratur naqas milli jressaq kwalsiasi prova għall-allegazzjonijiet tiegħu.

---

[7] Ara r-rikors tal-amministratur Hector Spiteri għall-purgazzjoni tal-kontumaċja, tal-24 ta' Mejju 2024, f'paġni 26-28.
[8] Ara 1140/2002, *Causon Myriam vs Falzon Nichola*s, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża 30 ta' Ottubru 2003.
[9] Ara r-risposta tar-rikorrenti għar-rikors tal-amministratur Hector Spiteri tal-24 ta' Ġunju 2024, f'paġni 31-37.
[10] Ara r-risposta ġuramentata ta' Zenith Finance Limited f'paġni 9-12 – maħlufa minn Hector Spiteri.
[11] Ara d-dokument rispettiv mir-Reġistratur tal-Kumpaniji f'paġna 16.

13. Fi kwalunkwe każ, però, anke li kieku l-allegazzjonijiet tiegħu kellhom jitqiesu veritiera, xorta waħda ma jipprovawx li kien hemm raġuni tajba għalfejn is-soċjetà konvenuta naqset milli tippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet fiż-żmien li jmiss. L-iżball li jgħid li ħa l-amministratur, hekk kif ħaseb li d-dokument li rċieva kien jikkontjeni biss taħrika ta' xhud, seta' faċilment jiġi evitat li kieku l-amministratur ta ħarsa (imqar ħarsa kursorja) lejn id-dokument li rċieva – u li kieku mqar qara t-twissija li għandha tidher fuq kull rikors ġuramentat:-

> "Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

14. Skont il-ġurisprudenza jeħtieġ kawża ġusta, cioè impediment leġittimu, biex tiġi ġġustifikata l-kontumaċja. Żball m'huwiex meqjus impediment leġittimu jekk ma jkunx invinċibbli – għaliex jekk hu vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-culpa.[12] B'hekk, biex tiġi pprovata kawża ġusta, ma jistax ikun hemm ħtija jew negliġenza min-naħa tal-parti mħarrka.[13]

15. F'dan il-każ, l-iżball tal-amministratur seta' jiġi evitat bi ftit ta' attenzjoni u diliġenza. Għalkemm jista' jkun il-każ li dan kien inqas attent mis-soltu minħabba sfidi mediċi, xorta jibqa' l-fatt li huwa kien b'saħħtu biżżejjed biex jattendi l-post tax-xogħol tiegħu u jirċievi n-notifika msemmija, jkompli għaddej bix-xogħol ta' amministratur u jattendi s-seduti f'din il-kawża. Bħalma kien kapaċi jagħmel dawn l-affarijiet daqstant kellu jkun kapaċi jaqra t-twissija fuq id-dokument u jirreferi l-kwistjoni għall-avukat tas-soċjetà konvenuta – hekk kif fil-fatt għamel fil-11 ta' Jannar 2024.

16. Għalhekk ġaladarba l-iżball tal-amministratur kien wieħed vinċibbli, huwa jammonta għall-culpa u ma jistax iservi bħala ġustifikazzjoni għall-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta.

---

[12] *Paul Grixti vs Direttur tax-Xogħolijiet Pubbliċi*, Qorti tal-Appell, deċiża 12 ta' Diċembru 1975; *Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul*, Qorti tal-Appell, 13 ta' Jannar 1999; *Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co Ltd*, Qorti tal-Appell, deċiża 28 ta' Jannar 2005; *Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo*, Qorti tal-Appell, 19 ta' Mejju 1937, Vol XXIX.i.1581; *Peter Gatt vs Brandon Theuma – Krea (Malta) Limited*, Qorti tal-Appell, deċiża 29 ta' Jannar 2016.

[13] *Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia*, Qorti tal-Appell, deċiża 16 ta' Frar 1996.

**Parti deċiżiva**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba tas-soċjetà konvenuta sabiex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha

Bl-ispejjeż kollha ta' din id-deċiżjoni a karigu tal-istess soċjetà konvenuta.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur